MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Numru. 95/2007

**Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)**

**vs**

**Doreen Cassar ta' 40 sena bint Alfred Gerada uMary nee' Mangion,
imwielda Pieta' fid-19 ta' Marzu, 1967 u residenti 57, Triq il-Liceo, Hamrun jew 211, Triq Santa Elena, Sliema, detentrici
tal-karta tal-identita' numru 0152567(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Doreen Cassar li giet akkuzata talli fis-17 ta' Novembru 2007 ghall-habta tal-11:30a.m. gewwa Ghawdex, ikkommettiet serq ta' mobile phone tal-marka Samsung li l-valur tieghu huwa ta'

aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) ghad-detriment ta' Mario Said minn Nadur, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata liema ammissjoni giet reaffermata wara li l-Qorti tatha zmien ragonevoli biex tikkunsidra l-ammissjoni taghha;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni maghmula mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issibha hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghha;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata, il-fedina penali taghha u l-fatt illi hija kkollaborat bi shih mal-Pulizija;

Ghalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi wara li rat l-Artikolu 261 (c) 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' l-akkuza migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dana l-perijodu ta' liberta kundizzjonata;

Il-Qorti qed tordna li kopja ta' l-atti u s-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------